

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Ir-Regolament Brussell I \(riformulazzjoni\)](#) > Italy

Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)

Italja



Italja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumix neċessarjament koperti.

L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament

Mhux rilevanti

L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)

- fl-Italja: Qrati ordinarji:

L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)

- fl-Italja: Il-Qorti tal-Appell

L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50

Il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni (Suprema Corte di Cassazione)

Piazza Cavour

00193 Roma

Tel. +39 06688831

Faks: +39 066883423

Sit web: <http://www.cortedicassazione.it>

Btala lokali: id-29 ta' Ġunju

L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-

istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti

It-Taljan. Il-lingwa Ġermaniża hija aċċettata wkoll fit-territorju tal-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano. Il-lingwa Slovena hija aċċettata wkoll fil-provinċji ta' Trieste, Gorizia u Udine.

L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament

- fl-Italja: l-Artikoli 3 u 4 tal-Liġi 218 tal-31 ta' Mejju 1995,

L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament

Mhux rilevanti

L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament

- il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Italja dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili jew Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 1930,
- il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Italja dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili jew Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fid-9 ta' Marzu 1936,
- il-Konvenzjoni bejn in-Netherlands u l-Italja dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-17 ta' April 1959,
- il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Italja dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Titoli Eżekuttivi oħrajn f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-6 ta' April 1962,
- il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Repubblika Taljana għar-Rikonossiment Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-7 ta' Frar 1964, bi Protokoll emendatorju ffirmat f'Ruma fl-14 ta' Lulju 1970,
- il-Konvenzjoni bejn l-Italja u l-Awstrija dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, ta' Soluzzjonijiet bil-Qorti u ta' Strumenti Awtentiċi, iffirmata f'Ruma fis-16 ta' Novembru 1971,
- il-Konvenzjoni bejn Spanja u l-Italja dwar l-Għajnuna Legali u r-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Madrid fit-22 ta' Mejju 1973,
- it-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat fi Praga fis-6 ta' Diċembru 1985, li għadu fis-seħħ bejn ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Italja,
- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Taljana dwar Assistenza Ġudizzjarja f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmata f'Bucharest fil-11 ta' Novembru 1972,
- il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet f'Materji Ċivili, iffirmat f'Varsavja fit-28 ta' April 1989,
- il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet f'Materji Ċivili, iffirmat f'Ruma fit-18 ta' Mejju 1990,
- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Jugożlavia u r-Repubblika Taljana dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Ċivili u Amministrattivi, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Diċembru 1960, li għadha fis-seħħ bejn is-Slovenja, il-Kroazja u l-Italja;

■ L-aħħar aġġornament: 12/11/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.